

F'dan ir-rigward qiegħed fost l-oħrajn jiġi sostnut li l-konvenuta hija żbaljata meta tqis li s-suġġett tal-applikazzjoni, jiġifieri l-estratt koloranti bbażat fuq il-fjuri mnixxa tal-clitoria ternatea, ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2015/2283 u jikkostitwixxi addittiv tal-ikel fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament Nru 1333/2008.

- (¹) Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1).
- (²) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2469 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jstabbilixxu rekwiżiti amministrattivi u xjentifiċi għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 64).

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2018 – LG Electronics vs EUIPO – Beko (BECON)

(Kawża T-557/18)

(2018/C 399/70)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: LG Electronics, Inc. (Seul, il-Korea t'Isfel) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Beko plc (Watford, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea BECON – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 142 336

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Lulju 2018 fil-Każ R 41/2018-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn l-appell mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ġie miċħud;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2018 – Atos Medical vs EUIPO – Andreas Fahl Medizintechnik – Vertrieb (ġibs mediku)

(Kawża T-559/18)

(2018/C 399/71)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Atos Medical GmbH (Troisdorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Middelhoff, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Andreas Fahl Medizintechnik- Vertrieb GmbH (Köln, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tad-disinn kontenzjuż: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn tal-Unjoni Nru 1339246-0009

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 2215/2016-3

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż,

Fil-każ li l-intervenjenti tipparteċipa fil-proċedimenti, ir-rikorrenti titlob ukoll li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż rispettivi tagħha.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002;
- Ksur tal-Artikolu 5 u tal-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002;
- Ksur tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2018 – Atos Medical vs EUIPO – Andreas Fahl Medizintechnik- Vertrieb (ġibs mediku)

(Kawża T-560/18)

(2018/C 399/72)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Atos Medical GmbH (Troisdorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Middelhoff, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Andreas Fahl Medizintechnik- Vertrieb GmbH (Köln, il-Ġermanja)